# Vot 16: Edukazzjoni Ċivika

Parlament Nazzjonali Taż-Żgħażagħ 2018



# Werrej

Introduzzjoni......................................................................................3

Kelmtejn mill-koordinatur...............................................................................5

L-ewwel sezzjoni: Il-kampanja edukattiva..........................................7

It-tieni sezzjoni: It-tgħalim fl-iskejjel..................................................9

It-tielet sezzjoni: Programmi Alternattivi..........................................14

Ir-raba' sezzjoni: L-istħarriġ.............................................................17

Lista ta' parteċipanti.......................................................................41

# Introduzzjoni

Il-vot huwa għodda importanti li spiss ma jingħatax l-importanza u l-ħsieb li jixraqlu minn persuni ta' kull eta' u minn kull settur tal-ħajja, għalhekk hekk kif diġa' msemmi il-Vot 16 hu opportunita' tad-deheb sabiex il-votanti ġodda jifhmu immedjatament l-importanza u l-piż tal-vot. Dan jista' jsir biss jekk ikun hemm kollaborazzjoni sħiħa bejn kull entita' ikkonċernata mit-tħejjija taċ-ċittadini ta' għada u l-proċess demokratiku. Għalhekk qegħdin naqsmu din ir-reżoluzzjoni fi tliet sezzjonijiet. L-ewwel sezzjoni tittratta waħda mill-proposti prinċipali misjuba f'dan id-dokument: l-importanza ta' kampanja edukattiva permezz tal-midja li l-għan tagħha jkun li tinforma ċ-ċittadini proprju dwar x'inhu meħtieġ biex wieħed juża l-vot b'mod responsabbli u maħsub.

It-tieni sezzjoni tittratta l-edukazzjoni fl-iskejjel tagħna. Ħafna huma tal-fehma li s-sistema' edukattiva tagħna teħtieġ bidla radikali sabiex il-Vot 16 ikun tassew ta' benefiċċju għal pajjiżna. Nifhmu li wara bidla tas-sistema' edukattiva jrid ikun hemm esperti fil-qasam li jistudjaw din il-bidla għal ammont ta' snin qabel ma tiġi attwata. Għalhekk aħna fiż-żmien limitat li kellna għad-dispożizzjoni tagħna anke permezz ta' stħarriġ li hu l-fus ta' din ir-reżoluzzjoni ħriġna b'dawn il-proposti aktar fattibbli fi żmien relattivament qasir.

It-tielet sezzjoni fiha numru ta' proposti li ċertament jiġu apprezzati minn dawk li diġa' jqisu ruħhom attivi fil-politika. M'għandnix xi ngħidu li dan in-numru ta' żgħażagħ irid jikber jekk verament irridu li l-Vot 16 ikun laħaq l-għan tiegħu. Għalhekk is-suċċess tal-proposti fit-tielet sezzjoni jintrabat mas-suċċess tal-kumplament tal-proposti

Fl-aħħarnett ir-raba' sezzjoni fiha analiżi dettaljata tal-istħarriġ li ppreparajna dan is-sajf u li għenna nifhmu l-ħsibijiet taż-żgħażagħ sabiex b'hekk il-proposti f'din ir-reżoluzzjoni jkunu ħadu sehem fit-tħejjija tagħhom firxa wiesa' ta' żgħażagħ. Dawn it-tweġibiet għenu lilna bħala żgħażagħ mill-partit tal-'Vot 16: Edukazzjoni Ċivika' sabiex

noħorġu bi proposti konkreti li ċertament ikunu pass kbir il-quddiem sabiex isseħħ bidla fil-perċezzjoni tan-nies dwar il-politika u sabiex b'hekk il-Vot 16 ikun laħaq l-għanijiet tiegħu.

# Kelmtejn mill-koordinatur

Bħala partit tal-'Vot 16: Edukazzjoni Ċivika' iltqajna bosta drabi b'għan wieħed: dak li nirrappreżentaw liż-żgħażagħ Maltin waqt il-Parlament Nazzjonali taż-Żgħażagħ 2018 u nressqu l-quddiem numru ta' ħsibijiet u proposti li jikkondividuhom numru ta' żgħażagħ. Filfatt l-istħarriġ li ħejjejna u wettaqna kellu proprju dan l-għan. Fost iċ-ċittadini Maltin jinħass predominanti l-inkwiet li żgħażagħ ta' sittax-il sena għadhom mhumiex maturi biżżejjed biex jiddeċiedu min għandu jmexxi lil pajjiżna għal ħames snin sħaħ. Oħrajn jaħsbu li bil-Vot 16 fil-verita' żdied vot lill-ġenituri għaliex iż-żgħażagħ ta' dik l-eta' jkunu għadhom mhumiex kapaċi jieħdu deċiżjoni independenti.

Bħala partit nemmnu li l-Vot 16 huwa filfatt mod ta' kif iż-żgħażagħ ikunu jistgħu jirreletaw aktar mal-poilitika, xi ħaġa li ħafna żgħażagħ iqisuha bħala attivita' li ssejjaħ biss lill-adulti u tħalli lilhom barra. Issa li ż-żgħażagħ ngħataw leħen jistgħu jinfluwenzaw aktar l-aġenda nazzjonali u jinvolvu ruħhom f'partit politiku jew xi għaqda mhux governattiva b'aktar saħħa. Il-partiti politiċi issa għandhom il-ħtieġa aktar minn qatt qabel li jifhmu x'jogħġob liż-żgħażagħ, x'idejjaqhom u xi jridu jaraw isir b'mod differenti f'pajjiżna. L-entużjażmu taż-żgħażagħ issa mhux se jieqaf f'attivitajiet taż-żgħażagħ iżda se jestendi ruħu fuq livell nazzjonali.

Madankollu bħala partit naqblu lkoll irrispettivament minn x'fehma politika nħaddnu li dawn il-vantaġġi ma jistgħux jitwettqu mingħajr edukazzjoni ċivika adegwata. Huwa għalhekk li nifhmu l-inkwiet ta' dawk li assolutament ma jaqblux mal-Vot 16 u li ntqajna magħhom anke fl-istħarriġ tagħna. Jekk ma nintroduċux bla telf ta' żmien edukazzjoni ċivika għaż-żgħażagħ tagħna idea tajba bħall-Vot 16 se tispiċċa tittrasforma ruħha f'għażla irresponsabbli mis-soċjeta' tagħna li tat il-vot lil żgħażagħ ta' sittax-il sena mingħajr ma ħadet din l-opportunita' tad-deheb biex tbiddel il-perspettiva dwar il-politika tal-ġenerazzjonijiet futuri.

Nawgura li flimkien bħala pajjiż għalhekk ngħatu widen liż-żgħażagħ tagħna u nħeġġeġ lil-leġiżlaturi u l-awtoritajiet biex jindirizzaw mill-aktar fis il-ħsibijiet ġenwini ta' dawk imħassba minn din il-liġi

Luke Vella,

Koordinatur tal-Partit tal-'Vot 16: Edukazzjoni Ċivika' fil-Parlament Nazzjonali taż-Żgħażagħ, 2018

# L-ewwel sezzjoni: Il-kampanja edukattiva

L-ewwel proposta ta’ din is-sezzjoni tittratta l-metodu prinċipali li nissuġġerixxu li jintuża għal din il-kampanja edukattiva abbażi tal-istħarriġ li ħejjejna dan is-sajf fejn nissuġġerixxu li l-midja soċjali tkun l-għodda prinċipali għal din il-kampanja informattiva. It-tieni proposta tittratta l-mod ta’ kif ir-riżorsi allokati għal din il-kampanja għandhom jiġu użati hekk kif nemmnu li b’hekk tikber l-effettivita’ ta’ din il-kampanja. Fl-aħħar ta’ din is-sezzjoni nesiġu dwar l-importanza li kampanja bħal din tiġi studjata ħafna aktar fid-dettall qabel ma tidħol fis-seħħ. Nesiġu għalhekk li wara li jiġu investiti fondi fit-tħejjija u fl-eżekuzzjoni ta’ din il-kampanja, minn żmien għal żmien isir stħarriġ dwar l-effettivita’ ta’ din il-kampanja ċioe’ jekk ir-riżultati meħtieġa humiex jintlaħqu.

1. Qedgħin nipproponu li tiġi organizzata kampanja immexxija mill-Gvern b'hekk nixtiequ illi din tkun fuq livell nazzjonali. Din il-kampanja nisuġerixxu li tkun waħda informattiva u edukattiva. Bħala wiċċ il-kampanja nissuġerixxu li jkun hemm mascot li jirrappreżenta din il-kampanja. Il-kampanja ser tiġi imxerrda madwar pajjiżna permezz tal-midja soċjali, anki minħabba li mill-istħarriġ li għamilna 97% tal-parteċipanti għażlu li l-iktar mezz ta' komuniikazzjoni li jużaw huwa propju l-midja soċjali. Din il-kampanja nissuġerixxu li tkun immmirata lejn addoloxenti u żgħażagħ li jattendu skejjel sekondarji u post-sekondarji, minn tlettax-il sena 'l fuq. Peress illi anki skont l-istħarriġ illi għamilna dawn l-etajiet kienu l-iktar popolari.

2. Bħala parti mill-istess kampanja, inħeġġu l-awtoritajiet responsabli li jħejju sensiela ta’ vidjows li  jittrattaw l-istess temi ta’ edukazzjoni ċivika u ċittadinanza responsabli u attiva b’mod li jappellaw liż-żgħażagħ b’mod attrajenti. B’riflessjoni tad-data miksuba mill-istħarriġ li wettaqna nisħqu fuq il-fatt li l-medju li għandu jiġi ttrattat bl-ikbar importanza huwa l-midja soċjali. Minkejja li t-televiżjoni kien mezz ta’ komunikazzjoni relattivament popolari fost l-għażliet, kien numru

żgħir imqabbel ma’ dak tal-midja soċjali. B’hekk l-awtoritajiet għandhom jallokaw ir-riżorsi b’mod li jirrifletti fuq il-preferenzi taż-żgħażagħ biex l-istess riżorsi jiġu utilizzati bl-iktar mod affettiv.

3. Rigward il-kampanja edukattiva kif imfassla fil-proposti preċedenti, għandu jsir stħarriġ fuq bażi regolari bil-għan li l-effettivita` tal-kampanja sa dak il-punt tibqa’ evalwata, partikolarment dwar iż-żgħażagħ. Inħallu l-awtoritajiet jużaw il-mezzi li jixtiequ iżda ninkoraġixxu l-użu ta’ mezzi varjati li jappellaw liż-żagħzagħ matul il-kampanja. Inħeġġu lill-awtoritajiet responsabbli tal-kampanja biex jieħdu fuqhom ir-risponsabilita` li jorganizzaw konsultazzjonijet pubbliċi. Dan, flimkien mal-proposti preċidenti, jimmira li jżomm l-pubbliku ġenerali involut effettivament fil-kampanja waqt li l-awtoritajiet responsabbli jirċievu rispons adegwat rigward is-suċċess tal-kampanja informattiva.

Dawn il-proposti għalhekk għandhom l-għeruq fl-istħarriġ li wettaqna u nipproponu lill-awtoritajiet jieħdu f’idejhom u jiżviluppaw l-idea ta’ kampanja informattiva dwar l-użu tal-vot.

# It-tieni sezzjoni: It-tgħalim fl-iskejjel

Waħda mill-aktar istituzzjonijiet ta' importanza u portata fit-tħejjija edukattiva u ċivika taċ-ċittadini ta' għada hija l-iskola. Nifhmu li l-iskejjel tagħna jibbażaw wisq l-edukazzjoni fuq it-tgħalim bl-amment għall-eżamijiet. Madankollu hawnhekk għandna lista ta' proposti prattiċi u konkreti li jipproponu bidla għal kollox fattibbli fis-sistema' edukattiva tagħna. Aħna konxji li l-iċken bidla tinvolvi studju dettaljat u għalhekk inħeġġu l-awtoritajiet pertinenti biex iwettqu mill-aktar fis dan l-istudju sabiex nibdew niffurmaw żgħażagħ b'identita' ċivika. Ftit minn dawn il-proposti wkoll ħarġu mill-istħarriġ li aħna ħejjejna u għalhekk fittixna li qabel nipproponu nisimgħu l-akbar ammont ta' żgħażagħ fil-kapaċita' tagħna.

4. Qegħdin nipproponu li jsiru numru ta taħdidiet fl iskejjel sekondarja u aktar u aktar dawk post-sekondarja bl-involviment ta' għaqdiet taż-żgħażagħ politiċi bhall-FŻL (Forum Żgħażagħ Laburisti) u l-MŻPN (Moviment Żgħażagħ Partit Nazzjonalista) u anke entitajiet oħra bhall-kummissjoni elettorali. Huwa ta' importanza assoluta li dawn l-għaqdiet jitkellmu dwar 'policies' u mhux attivitajiet partiġġjani. L-iskop wara dan huwa biex l-ewwel u qabel kollox biex iż-żgħażagħ ikunu konxji dwar dawn l-għaqdiet sabiex dawk li jkunu interessati jinvolvu ruħhom f'partit politiku jkunu jafu x'joffru l-fergħat taż-żgħażagħ tal-partiti ewlenin f'Malta. Apparti minn dan din is-sessjoni tista' sservi bħala waħda edukattiva ghall-istudenti li jiġu mgħallma u edukati dwar l-iffurmar ta' 'policies'. Kif intqal qabel huwa importanti li dawn it-taħdidiet ma jkunux użati bħala pjattaforma għal propoganda. B' hekk qed nipproponu li dawn is-sessjonijiet ikunu wkoll involuti fihom l-ammisnistrazzjoni tal-iskola.

5. Nipproponu li tiġi organizzata b'mod annwali kompetizzjoni għaż-żgħażagħ fl-iskejjel sekondarji dwar taħdit fil-pubbliku permezz ta' preżentazzjonijiet li t-tema tagħhom għandha tiġi mogħtija mid-dipartiment tal-gvern ikkonċernat. Ir-rebbieħa ta' kompetizzjoni estiża

bejn l-iskejjel għandhom jiġu mgħotija l-opportunita' li jagħmlu l-preżentazzjoni tagħhom quddiem ufficċjali edukattivi u dan għandu jservi ta' inċentiv biex l-istudenti joħorġu bl-aħjar xogħol possibli rigward tema li probabbilment tkun tinteressahom. Naturalment il-kontenut tal-preżentazzjonijiet li jkun sar tant xogħol fuqhom għandu jiġi mgħoti importanza mill-awtoritajiet. Dan għaliex l-iskop ta' din il-proposta jintilef jekk l-argumenti u l-opinjonijiet taż-żgħażagħ jaqgħu fuq widnejn torox. Inħeġġu lill-iskejjel sekondarji jippreparaw lil dawn l-istudenti tajjeb għal din il-preżentazzjoni permezz ta' taħriġ miftuħ għal kull student dwar it-taħdit fil-pubbliku.

6. Nipproponu li jinbdew korsijiet għal kull min għandu kuntatt maż-żgħażagħ, speċjalment għalliema u social workers. Dawn jinfurmaw lil dak li jkun dwar is-sitwazzjoni politika preżenti u jkunu fuq bażi volontarja iżda titħeġġeġ il-parteċipazzjoni sabiex nassiguraw li ż-żgħażagħ ikollhom informazzjoni valida, newtrali u indipendenti dwar il-qasam politiku u b'hekk tigi aċċertata involviment informata miż-żgħażagħ Maltin.

7. L-iskejjel tagħna hekk kif diġa' elenkat għandhom rwol vitali fl-iffurmar ta' ċittadini attivi u infurmati għalhekk inħeġġu l-iskejjel sekondarji u post-sekondarji kollha sabiex jieħdu l-inizjattiva u jorganizzaw, fuq bazi regolari, grupp immexxi minn għalliema jew kwalunkwe individwu ieħor li hu aġġornat dwar ġrajjiet kurrenti, li jitratta proprju ġrajjiet kurrenti kemm lokali u internazzjonali fejn l-istudent ikollu opportunita' li jagħti analiżi oġġettiva u jiddiskutiha. Għalhekk hu importanti ferm li dawn il-gruppi ma jieħdux sfumatura partiġġjana. Inħeġġu l-iskejjel sekondarji u post-sekondarji jippersistu b'din l-inizjattiva anke jekk l-attendenza għal dawn il-gruppi tkun relattivament baxxa. Dan għaliex kull individwu li jixtieq jikber ċivikament għandu jkollu diversi opportunitajiet biex jagħmel dan anke fi gruppi żgħar. Parteċipanti ta' dan il-grupp għandhom jingħataw l-opportunita' li jmorru fuq żjarat ġewwa istituzzjonijiet pubbliċi kif ukoll jipparteċipaw f'attivitajiet ma' gruppi simili minn skejjel oħrajn.

8. Nipproponu li l-'Edukazzjoni Ċivika' tibda tiġi mgħallma fl-iskejjel bħala suġġett li jiġbor fih fost l-oħrajn tagħrif interattiv dwar l-istorja politika ta' Malta, għarfien dwar kif taħdem is-sistema' elettorali tagħna kif ukoll suġġetti li huma diskussi aktar fid-dettall fi proposti oħra f'din is-sezzjoni. Naħsbu li m'għandux ikun hemm eżamijiet għal dan is-suġġett hekk kif b'dan il-mod neliminaw il-possibbilta' li dak li jiġi mgħallem f'dan is-suġġett jibda jiġi mmemorizzat b'mod pappagallesk. Jekk isir hekk l-għan li għalih qed nipproponu li jitwaqqaf dan is-suġġett jintilef għal kollox. Huwa ta' importanza li dan is-suġġett qabel jibda jiġi mgħallem jiġu esplorati l-modi kollha possibbli kif dan is-suġġett jidher attrajenti kemm jista' jkun għall-usa faxxa ta' studenti. L-istudent m'għandux iħares lejn dan is-suġġett bħala piż żejjed minkejja li hu neċessarju daqs jekk mhux iktar mis-suġġetti l-oħra.

9. Bħala rikonoxximent tal-importanza tad-diskussjoni fi ħdan soċjeta` demokratika, inħeġġu lill-iskejjel li jkun hemm iżjed diskussjoni waqt it-tagħlim tat-topiks matul il-PSCD. Importanti li dawn id-diskussjonijet jiżvolġu ruħhom b'mod ċivili u li l-għalliema dejjem jassiguraw li l-istudenti jittrattaw lill-ideat tal-oħrajn b'rispett u edukazzjoni sabiex kulħadd iħossu komdu li jesprimi ruħu. Apparti minn hekk dan għandu jgħin biex il-politiċi Maltin tal-futur ikunu mħejjin sew għal dibattiti b'ħiliet tajbin ta' komunikazzjoni ċara u rispettuża kif ukoll il-poplu ġenerali jkollu idea ta' mġieba xierqa f'diskussjoni.

10. Huwa ta' importanza kbira li meta wieħed jara riklam politiku jkun kapaċi jiddixxerni s-sustanza ta' dak ir-riklam. Jekk dan ma jsirx iż-żgħażagħ tagħna mhux se jkollhom il-kapaċitajiet neċessarji biex jaħsbu b'mod analitiku. Għalhekk nipproponu li fl-iskejjel sekondarji għandhom isiru evalwazzjonijiet effettivi ta' kampanji ta' 'marketing' imħaddma minn partiti politiċi madwar id-dinja. L-istudent għandu jiġi mgħallem ukoll il-prinċipji bażiċi ta' marketing politiku. L-għan m'għandux ikun li dak li jkun jgħaddi minn xi eżami f'dan is-suġġett iżda huwa kruċjali li din is-sezzjoni ta' edukazzjoni ċivika tiġi mgħallma

b'mod interessanti li jappella għall-maġġoranza kbira taż-żgħażagħ fl-iskejjel. L-istudent għalhekk għandu jsir ferm aktar konxju dwar tattiċi użati biex jiġi ppreparat riklam. Din is-sezzjoni ta' edukazzjoni ċivika għalhekk tgħin liż-żgħażagħ tagħna jiżviluppaw l-abbiltajiet kritiċi li huma tant kruċjali biex il-Vot 16 ikun ta' benefiċċju għaż-żgħażagħ u għall-pajjiżna u li għalhekk huma msemmija ta' spiss f'din ir-riżoluzzjoni.

11. Meta ċittadin infurmat jiġi biex jivvota ċertament li jqis u jiżen ukoll is-saħħa tal-ekonomija. Iżda kemm mill-votanti ġodda li m'għandhomx bażi soda fl-ekonomija, għandhom għalhekk l-abbiltajiet li jiddixxernu dwar l-ekonomija? Nipproponu għalhekk li fl-iskejjel tagħna, b'mod sempliċi u interattiv, l-istudenti tal-iskejjel sekondarji jiġu mgħotija aktar għarfien dwar l-ekonomija fosthom kif titkejjel is-saħħa tal-ekonomija. L-għan ta' din il-proposta mhuwiex li l-istudent ikollu jgħaddi minn eżami dwar l-ekonomija iżda li l-istudent ikollu l-kapaċita' li jiżen kif sejra l-ekonomija f'pajjiżna meta mqabbla ma' pajjiżi oħra u x'inhi r-raġuni li l-ekonomija Maltija sejra kif sejra. L-istudent għandu jkun kapaċi jifforma opinjoni dwar jekk hemmx pjan fit-tul għall-ekonomija ta' pajjiżna u jekk hemm kif qed jiġi implimentat.

12. Fl-iskejjel tagħna l-istudenti għandhom jingħataw informazzjoni suffiċjenti dwar l-ideoloġiji politiċi prinċipali li naraw globalment b'mod speċjali ideoloġiji li naraw fuq livell Ewropew. Il-votant għandu jkun kapaċi jasal għall-konklużjonijiet tiegħu dwar x'ideoloġiji jħaddnu l-partiti politiċi lokali. Dan permezz ta' eżempji prattiċi minn pajjiżi oħra abbażi tat-teorija li jkun tgħallem dwar l-ideoloġiji politiċi. L-għan ta' din il-proposta hu li l-istudent jitgħallem ifassal sett ta' prinċipji u ideat li hu l-aktar jidentifika ruħu magħhom. Dan għandu jsir b'mod raġunat u argumenti simplistiċi għandhom jiġu skartati.

Għalhekk f'din is-sezzjoni ppreżentajna numru ta' proposti bil-għan li l-iskejjel tagħna b'mod ħafna aktar effettiv jgħallmu lill-istudenti tagħhom ikunu ċittadini kritiċi b'moħħ assertiv u mhux passiv.

# It-tielet sezzjoni: Programmi Alternattivi

F'din is-sezzjoni nittrattaw numru ta' proposti li għall-kuntrarju tal-proposti tas-sezzjoni preċedenti imorru oltre mit-tgħalim fl-iskejjel. Dawn il-proposti x'aktarx jilħqu aktar lill-dawk li diġa' huma interessati li jieħdu sehem fil-ħajja politika. Dawn iż-żgħażagħ jeħtieġ li jkollhom numru vast ta' opportunitajiet fejn ikunu jistgħu jitrawwmu fil-ħajja politika. Madankollu l-għan hu li kulma jmur aktar żgħażagħ jagħmlu użu mill-attivitajiet proposti f'din is-sezzjoni. Dan l-għan jintlaħaq kif diġa' msemmi jekk jiġu attwati b'suċċess il-proposti tal-ewwel u t-tieni sezzjoni.

13. Nipproponu li l-awtoritajiet ikkonċernati mill-edukazzjoni għandhom ifasslu kors addizzjonali iżda mhux obbligatorju fejn żgħażagħ li huma votanti ġodda jingħataw iċ-ċans li jinformaw ruħhom fid-dettall dwar il-proċess elettorali mit-tqassim tal-voti sal-għadd tal-voti. Il-kors għandu jiffoka wkoll fuq l-importanza tal-ħsieb kritiku u analitiku u kif wieħed jitgħallem jaħseb b'dan il-mod. Il-kors għandu jiffoka fuq aspetti oħra tal-edukazzjoni ċivika fosthom l-importanza li dak li jkun jibni argumenti loġiċi u l-mod ta' komunikazzjoni addattata sabiex dawn l-argumenti jwasslu għal diskussjoni sana u infurmata. Il-parteċipanti ta' dan il-kors għandhom jieħdu wkoll ħiliet komunikattivi li wieħed jeħtieġ f'dibattitu. Huwa ta' importanza assoluta li dan il-kors ikun imħejji minn esperti fil-qasam tal-edukazzjoni ċivika u jkun nieqes għal kollox mill-element ta' partiġġjaniżmu. Fil-kampanja li hi msemmija bħala l-ewwel punt ta' din ir-riżoluzzjoni dan il-kors għandu jiġi kkomunikat sabiex tintlaqat l-aktar firxa wiesa' ta' votanti ġodda kemm permezz tal-kontenut tal-kampanja pubblika hekk kif imsemmija fl-ewwel proposta kif ukoll permezz ta' dan il-kors imsemmi f'din il-proposta.

14. Aħna qegħdin nissuġerixxu illi t-68 kunsilli lokali madwar Malta u Għawdex jippratikaw sistemà fejn kull kunsill lokali jkollu numru ta' osservaturi żgħażagħ fil-laqgħat tal-istess kunsilli lokali. Dan għandu

jsir sabiex dawn iż-żgħażagħ jingħataw spazju fejn ikunu jistgħu jiffamiljarizzaw ruħhom mal-ħajja politika. Għalkemm din is-sistemà diġà qiegħda tiġi ppratikata minn xi kunsilli lokali, aħna qegħdin nirrakomandaw illi jkun hemm sforz ikbar sabiex din l-istess sistemà tiġi applikata f'ammont ikbar ta' kunsilli lokali madwar Malta u Għawdex. Fil-każ li jkun hemm ammont ta' applikanti iktar minn dak illi l-kunsill lokali jkun jiflaħ, qegħdin nirrakomandaw illi jintgħazlu osservaturi minn entitajiet u organizzazzjonijiet apolitiċi varji bħall-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ u l-Aġenzija Żgħażagħ sabiex jieħdu dan l-irwol f'idejhom b'kollaborazzjoni mal-kunsilli lokali.

15. Nipproponu li istituzzjonijiet bħall-kunsilli lokali msemmija fil-proposta preċedenti kif ukoll istituzzjonijiet bħall-Parlament jiftħu aktar il-bibien tagħhom għaż-żgħażagħ permezz ta' 'open days' u attivitajiet fejn iż-żgħażagħ jiġu mħeġġa jikkomunikaw il-ħsibijiet tagħhom dwar x'jogħġobhom, x'jistennew li jkun aħjar u xi jdejjaqhom f'dawn l-istess istituzzjonijiet. Jekk dawn l-istituzzjonijiet demokratiċi u oħrajn ma jilħqux ammont konsiderevoli ta' żgħażagħ din il-liġi tal-Vot 16 tkun falliet milli tqarreb iż-żgħażagħ mal-politika.

16. Wara t-tmiem tal-kampanja nipproponu li jiġi mħejji forum onlajn. Permezz ta' dan il-forum, iż-żgħażagħ għandhom jiġu pprovduti bl-opportunita` li jiddiskutu ġrajjiet kurrenti u jsemmgħu leħinhom dwar l-oppinjonijet tagħhom. Sabiex inżommu l-livell tal-forum fl-aqwa tiegħu, l-istess forum għandu jiġi amministrat minn impjegati tad-dipartiment ikkonċernat, preferibilment ta' eta` żagħżugħa. Xogħolhom m'għandux ikun li jikkontribwixxu l-oppinjonijiet tagħhom iżda sempliċiment li jassiguraw li l-kwalita` u l-livell tal-forum jiġi mħares. Infakkru li f'dan kollu il-liġijiet Maltin u Ewropej tal-protezzjoni tad-data jiġu mħarsa.

17. Nemmnu li wieħed mill-vantaġġi tal-Vot 16 hu li ż-żgħażagħ jistgħu iħossu li huma parti kruċjali fit-tfassil tal-politika. Dan isir billi ż-żgħażagħ jingħataw spazju fejn jistgħu jimirħu fl-ideat u jkunu konvinti li huma mismugħa minn min hu leġiżlatur. Għalhekk nipproponu li jsiru

numru ta' ‘workshops’ fuq bażi regolari mar-rappreżentanti tal-Gvern u tal-Opożizzjoni dwar suġġetti u setturi  varji li minnhom huma inkarigati dawn id-deputati. Għal kuntrarju ta’ konsultazzjonijiet pubbliċi li diġa’ f’xi każijiet iseħħu, huwa importanti li dawn il-‘workshops’ isiru unikament għaż-żgħażagħ sabiex ideat innovattivi jingħataw l-ispazju li jixirqilhom. Dawn il-‘workshops’ jeħtieġ li jkunu kkomunikati wkoll permezz tal-kampanja edukattiva imsemmija fl-ewwel proposta f’din ir-riżoluzzjoni.

18. Bħala riżultat tan-nuqqas tal-edukazzjoni ċivika fis-snin li għaddew, il-ġenerazzjoni li jmiss ser tkun l-ewwel waħda b’votanti ta’ sittax-il sena u b’hekk m’għandhom l-ebda esperjenza diretta ta’ parteċipazzjoni politika fil-ħajja ta’ kuljum. Għalhekk nissuġġerixxu li jiġi mħejji blog immexxi minn individwi infurmati li jindirizzaw żgħażagħ bil-għan li jgħinuhom fil-miġja politika permezz tal-esperjenzi tagħhom u jipprovdu liż-żgħazagħ ma’ min jistgħu jirrelataw. Iż-żgħażagħ ikunu jistgħu jirrikorru għal dan is-sit biex isibu gwida f’każ ta’ diffikulta fil-ħajja politika tagħhom.

Nesiġu li l-proposti msemmija f’din is-sezzjoni jibqgħu fis-seħħ anke jekk il-konkorrenza għall-bidu tkun relattivament baxxa. Huwa importanti pero’ li l-proposti f’kull sezzjoni jibdew jiġu mwettqa sabiex verament ikollna ċittadini b’sens ċiviku qawwi.

# Ir-raba' sezzjoni: Stħarriġ Vot 16: Edukazzjoni Ċivika

Dan l-istħarriġ qasir analizza ċertu opinjonijiet taż-żgħażagħ Maltin sabiex il-partit Vot 16: Edukazzjoni Ċivika jkollu bażi soda għall-argumenti u proposti tiegħu, li se jiġu ppreżentati fil-Parlament Nazzjonali taż-Żgħażagħ 2018.

Din l-analiżi ġiet miktuba u miġbura minn Bradley Cachia.

Ammont totali ta' risposti:

235 (L-istħarriġ mhux qed jilqa' aktar risposti.)




Mistoqsijiet demografiċi

Età:

22.1% minn nies li pparteċipaw f'dan l-istħarriġ kienu żgħażagħ ta' 15-il sena, li hija l-età maġġura fost dawk li pparteċipaw f'dan l-istħarriġ. L-iżgħar parteċipanti fl-età kienu ta' 11-il sena (żewġ parteċipanti) u l-ikbar parteċipanti fl-età kienu ta' 68 sena (parteċipant/a wieħed/waħda), allavolja dawn iż-żewġ etajiet ma konniex qed nistennew risposti mingħandhom.

Aħna primarjament qed niffokaw fuq risposti minn żgħażagħ bejn it-13 u l-35 sena. L-ammont totali ta' parteċipanti bejn it-13 u l-35 sena,

l-udjenza primarja tagħna, huwa ta’ 216 parteċipant. Dan it-total huwa 91.9% minn numru totali ta’ parteċipanti.

Sess:




66.8% mill-parteċipanti huma nisa filwaqt li 33.2% mill-parteċipanti kienu rġiel. L-ebda parteċipant ma kkonforma ma’ xi sess altru minn dawn.

Livell t’Edukazzjoni:




Il-maġġor parti tal-parteċipanti laħqu l-livell sekondarju t’edukazzjoni, b’ammont ta’ 59.6% mill-235 li bgħatu r-risposti tagħhom. 1.7% laħqu l-livell primarju t’edukazzjoni, 27.2% l-livell post-sekondarju, u 11.5% il-livell terzjarju.

B’hekk kellna risposti mingħand nies minn kull istituzzjoni edukattiva.

Mistoqsijiet prinċipali

Liema mezz ta' komunikazzjoni ssegwi/tuża' l-iżjed?




L-iktar tweġiba popolari kienet il-midja soċjali b'97%. Permezz tal-għażla 'Other', żewġ parteċipanti żiedu wkoll "Gazzetti" u "Books" (Kotba).

Tqis lilek innifsek bħala persuna li tinteressa' ruħha fil-politika?




Hawnhekk, 73.2% mill-235 parteċipanti stqarru illi jinteressaw ruħhom fil-politika filwaqt li 26.8% stqarru l-oppost.

Dawn il-persentaġġi juru li hawn ammont ta' żgħażagħ, għalkemm probabli mhux il-maġġoranza, li ma jagħtux kas ta' dak li jkun qed jiġri fid-dinja politika, dinja li hija tant kruċjali fil-ħajja ta' kull ċittadin f'soċjetà.

Fl-istħarriġ, ġie provdut spazju sabiex kull parteċipant jagħti raġuni għar-risposta tiegħu.

Għaliex?

Mhux kull tweġiba mill-235 qiegħda miktuba hawn taħt għar-raġuni li ħafna minnhom huma b’xi mod jew ieħor l-istess jew simili. Raġuni oħra hi li mhux kull risposta kienet sensibbli. Xi risposti ġew mibdula ftit sabiex jingħataw sens grammatiku korrett filwaqt li jżommu s-sens tagħhom. Hemm minnhom ġew tradotti mill-Ingliż għall-Malti.

- Inħobb inkun naf x’ikun qed jiġri fil-pajjiż li jiena ser nkompli nikber fih.
- Insegwi ħafna xi jkun qed jiġri u mmur xi attivitajiet politiċi.
- Il-politika taffettwa lil pajjiżi kollu. Bħala ċittadin Malti, jiena nixtieq nara lil Malta tirnexxi u għalhekk naħseb li huwa importanti li aħna, minn età żgħira, inkunu nafu x’inhu jiġri madwarna. Fl-aħħar mill-aħħar, aħna ħa nikbru u d-deċiżjonijiet li ħa jittieħdu issa ħa jaffettwawna.
- Nara progress fil-pajjiż.
- Jiena ninteressa ruħi fil-ġrajjiet kurrenti.
- Missieri jaħdem fil-politika u nixtieq nkompli fil-passi tiegħu. / Jiena bint il-Prim Ministru.
- Nemmen li permezz tal-politika tista' tagħmel differenza fil-ħajja taċ-ċittadin u għalhekk tkun taf x’qed jiġri madwarek.
- Nħoss li hu dmiri li nsegwi x'inhu jiġri rigward il-mexxejja ta’ bosta pajjiżi u l-effett tagħhom fuq il-poplu.
- Nsegwi l-aħbarijiet biex nifhem aktar is-sistemà politika għax tinteressani.
- Jiena nħoss li għandi niġi mgħallem u li għandi nipparteċipa fil-ġrajjiet politiċi kurrenti għaliex dawn ħa jħallu effett fuq il-futur tiegħi. Nixtieq ukoll li fil-futur jien stess inkun politikant.
- Tinteressani l-idejoloġija tal-politika iżda ma toġgħobnix il-politika Maltija għaliex hija wisq partiġjana.
- Kollha kemm aħna niddependu fuq il-politika għaliex hija tikkontrolla ħafna affarijiet madwarna.

- Nieħu pjaċir insegwi l-politika għaliex l-azzjonijiet li jagħmlu l-politiċi jħallu impatt fuq in-nies li qed iservu u fuq il-kwalità tal-ħajja tagħhom.
- Nieħu pjaċir inkun infurmat fuq dak li qed jiġri f'pajjiżi u fuq kif il-politiċi jaffaċċjaw dan kollu. Inħoss ukoll illi huwa suġġett interessanti u li nieħu gost nitgħallem fuqu.
- Huwa fattur li bla ma trid jiddomina l-ħajja ta' kuljum f'Malta.
- Inħossni għadni wisq żgħir fl-età biex nifhem.
- Għalija l-politika hija magħmula minn opinjonijiet li jmorru kontra n-norma.
- Jiena naħseb li huwa importanti li nkunu konxji ta' dak li hu għaddej f'pajjiżna filwaqt li nkunu konxji wkoll ta' dawk l-affarijiet li l-mexxejja tagħna huma favurihom.
- Il-politika hija pjuttost interessanti, skandaluża u, ħafna drabi, korrotta.
- Minn dejjem kont hekk.
- Ħafna affarijiet li jintqalu rigward il-politika huma gideb, maħluqin biss sabiex politiku jieħu l-vot, u huwa għalhekk li ma ninteressax ħafna ruħi.
- Ma nikkunsidrax il-politika bħala xi ħaġa interessanti u għalija hija pjuttost monotona u bla sens.
- Jiena naħseb li l-politika hija importantissima u huwa importanti li wieħed jibqa' aġġornat ma' dak kollu li jkun għaddej.
- Għadni żgħir wisq biex nieħu deċiżjoni u ma nsegwix dak li jgħidu ż-żewġ naħat (iż-żewġ partiti l-kbar – il-Partit Nazzjonalista u l-Partit Laburista).
- Familti m'hijiex interessata fil-politika.
- Qatt ma ħsibt fuqha.
- Biex ngħid il-verità, il-politika nħoss li hija diżgustanti u maħmuġa. In-nies jipprovaw jiffurmaw opinjoni għalik. M'hawnx libertà tal-kelma f'dal-pajjiż u onestàment nixtieq nemigra minn hawn.

- Il-politika hija l-bażi ta' kif il-pajjiż li ngħix fih jiena jitmexxa.
- Il-politika tifforma l-preżent tagħna kif ukoll il-futur tagħna.
- Inħobb insegwi x'inhu jiġri fil-politka.
- Hija wisq ikkumplikata.
- Ma nħossnix allinjat ma' l-ebda partit politiku.
- In-nies kapaċi jbidlu kliem ħaddieħor wisq faċilment, li m'huwiex sew.
- Il-politika hija mezz ta' kif il-mod kif il-pajjiż jaħseb u jgħix jittejjeb.
- F'pajjiż żgħir bħal Malta, il-politika taffettwa kull ċittadin fil-ħajja ta' kuljum.
- Malta tkun aħjar u jkun qed jissemma' leħen il-poplu.
- Huwa d-dmir tagħna li ninvolvu ruħna u li nkunu konxji ta' x'inhu jiġri f'pajjiżna.
- Filwaqt li nixtieq nistqarr mod ieħor, jista' jkun li ma ninteressax ħafna ruħi fil-politika għaliex inħoss li s-sitwazzjoni f'Malta hija wisq tad-dwejjaq, u sitwazzjonijiet internazzjonali wisq barranin. Fil-fatt, meta nitkellem fuq il-politika ma' ħaddieħor, ninduna kemm verament m'iniex aġġornat meta nqabbel lili nnifsi magħhom.
- Jiena nikkunsidra lili nnifsi bħala xi ħadd li huwa nteressat fil-politika għaliex nemmen li ħafna nies, speċjalment tal-età tagħna, jagħtu kas tal-politika, l-effetti tagħha u kif tista' tkun għodda li ttejjeb bosta valuri u fatturi f'ħajjitna.
- Il-politika tiddetermina l-futur ta' pajjiżna, kif ukoll il-kwalità tal-ħajja tal-Maltin.
- Inħobb lil Malta.
- Jiena naħseb li l-adolexxenti tal-età tagħna għandhom ikunu jafu aktar x'qiegħed jiġri madwarhom.
- Personalment, jiena nieħu aktar interess fl-attiviżmu pubbliku rigward kwistjonijiet li jinteressawni jew illi lest niġġieled għalihom milli fil-politika. Fl-opinjoni tiegħi, ħafna politiċi jitilfu

s-sens ta’ rieda biex jiġġiledu għal dak li jemmnu fih. Għalhekk, għalkemm nsegwi x-xena politika lokali, ma nieħux interess kbir fiha.

- Insegwi l-politika Maltija ta’ spiss għaliex nemmen li hi taffetwa l-ħajja ta’ kulħadd, miż-żgħir sal-kbir.
- Huwa essenzjali għal pajjiż demokratiku li ċ-ċittadini jsegwu dak li jkun għaddej.
- Ma nafx ħafna dwar il-politika iżda nixtieq nitgħallem aktar.
- Minn età zgħira, dejjem ħadt interess u kellhi passjoni għall-politika. Mhux għall-politika partiġġjana, iżda għall-politika inġenerali bħala vokazzjoni u bħala suġġett li fih diversi fatturi u linji differenti ta' ħsieb.
- Allavolja naf x’ikun qed jiġri madwari, għadni ma ħadtx ħafna interess fil-politika għax għadni żgħira.
- Imħajjra noħroġ għall-politika jiena stess.
- Ma nħobbx l-argumenti u ma tinteressanix.
- Jiena naqra’ il-manifesti kollha, insegwi l-midja u l-ġrajjiet kurrenti, kif ukoll ninvolvi ruħi fil-politika.
- Hija ħaġa sabiħa kif in-nies jaqdu lil pajjiżom u lill-poplu.
- Nemmen li huwa importanti li tkun aġġornat(a) fuq x'inhu għaddej f'pajjiżek.
- Huwa importanti li wieħed ikun jaf min qed imexxih u kif.
- Il-politika hi mezz ta’ għarfien għall-futur tiegħi.
- Ma naf xejn dwarha.
- M’iniex interessat ħafna fiha għaliex għadu mhux xogħli li nivvota’ peress li għadni żgħir.
- Jinteressani min imexxi.
- Inħobb insegwi aħbarijiet relatati mal-politika u nieħu sehem f’attivitajiet simili tal-Parlament Nazzjonali taż-Żgħażagħ u l-Parlament Nazzjonali taż-Żgħażagħ innifsu.
- Il-politika ma tantx hija xi ħaġa li nibbrilla fiha iżda xorta waħda ħafna drabi jirnexxieli nsegwi u nifhem dak li jkun għaddej.

- Bħala ċittadin Malti, inħoss li huwa dmiri li nsemma' leħni.
- Dak li għandu jiġri xorta ħa jiġri. Jiena m'għandix x'naqsam ma' dak li jiġri.
- Dejjem nara x'inhu għaddej kemm f'Malta kif ukoll barra minn xtutna.

Fil-qosor, mir-risposti kollha li rċevejna, l-iktar popolari kienu: il-politika taffettwa' l-futur tiegħi; għadni wisq żgħir(a) biex nagħti kas; inżomm ruħi aġġornat(a); involut jew niġi minn xi ħadd li huwa nvolut fil-politika; nixtieq ninvolvi ruħi fid-dinja tal-politika; il-patrijottiżmu; diskussjoni politika ma toffrix biżejjed ħelsien għal dawk li jkunu qed jiddiskutu; il-politika hija korrotta u skandaluża; l-opinjoni tiegħi ma tagħmilx differenza; fost oħrajn.

Taqbel mal-Vot 16?




Il-maġġoranza tal-parteċipanti, b'persentaġġ ta' 60%, stqarru li jaqblu mal-introduzzjoni tal-Vot 16 f'Malta filwaqt li l-bqija (40%) ma qablux.

Fl-istħarriġ, ġie provdut spazju sabiex kull parteċipant jagħti raġuni għar-risposta tiegħu.

Għaliex?

Mhux kull tweġiba mill-235 qiegħda miktuba hawn taħt għar-raġuni li ħafna minnhom huma b'xi mod jew ieħor l-istess jew simili. Raġuni oħra hi li mhux kull risposta kienet sensibbli. Xi risposti ġew mibdula ftit sabiex jingħataw sens grammatiku korrett filwaqt li jżommu s-sens tagħhom. Hemm minnhom ġew tradotti mill-Ingliż għall-Malti.

- Jiena ma naqbilx għaliex ċertu żgħażagħ ta' 16-il sena ma jkunux involuti ħafna fil-politika jew/u ma jkunux interessati.
- Iż-żgħażagħ ukoll għandhom isemmgħu leħinhom.
- Jiena naħseb li lkoll għandna nirrispettaw il-fatt li ċ-ċittadini Maltin iġġieldu għad-dritt tal-vot. Ħafna nies jinteressaw ruħhom fil-politika u għalhekk, kulħadd għandu jkollu d-dritt li jesprimi ruħu permezz tal-vot.
- Kulħadd għandu jkollu s-sehem tiegħu fid-deċiżjonijiet demokratiċi tas-soċjetà li jagħmel parti minnha wara ċertu età.
- Xi adolexxenti m'humiex kapaċi jagħmlu għażla tajba għal pajjiżhom.
- Nemmen li għadna m'aħniex lesti sabiex dawk ta' 16-il sena jivvotaw b'mod sensibbli, b'mod ibbażat fuq l-iskop li għandna nibnu soċjetà aħjar. Sabiex isir dan, irid ikun hawn aktar għarfien u edukazzjoni għaliex ta' dik l-età hemm ċans ikbar li tivvota' skont kif jgħidlek ħaddieħor milli kif taħseb int.
- Ħafna żgħażagħ ma jsegwux il-politika u jivvutaw b'qalbhom u mhux b'moħħhom.
- Ħafna żgħażagħ ikunu għadhom ma ffurmawx opinjoni personali u raġonevoli.
- Naħseb li għadna żgħar biex nagħmlu deċiżjoni bħal din.
- Hemm nuqqas fl-edukazzjoni li qed tingħata liż-żgħażagħ.
- Vot extra lill-ġenituri.
- Nemmen li jekk qed jittieħdu deċiżjonijiet li jaffetwaw liż-żgħażagħ, iż-żgħażagħ għandhom ikollhom sehem f'dawn id-deċiżjonijiet.
- Iż-żgħażagħ huma prodott ta' ġenerazzjoni adulta u jippossedu ċertu intelliġenza kreattiva. Billi nagħtuhom id-dritt sabiex jivvotaw ta' 16-il sena, inkunu qegħdin ngħinuhom jiżviluppaw dan.
- Dan id-dritt joħloq perspettiva ġdida fid-dinja politika.

- Dan id-dritt jippermetti lil parti ikbar mill-popolazzjoni Maltija tinvolvi lilha nfisha fit-tmexxija tal-pajjiż. Juri wkoll li nies ta' 16 u 17-il sena għandhom ikollhom sehem fl-elezzjonijiet Maltin.
- Jiena naħseb li l-Vot 16 ġie introdott kmieni wisq f'din is-sistemà mħakkma mill-partiġġjaniżmu u l-kuluri tal-partiti.
- Permezz ta' dan id-dritt, iż-żgħażagħ jinvolvu aktar ruħhom.
- Fl-opinjoni tiegħi, xi nies huma wisq immaturi u żgħar sabiex jivvotaw.
- F'dik l-età, ħafna nies ma jifhmux għal min ikunu qed jivvotaw jew fiex jemmen kull politiku. Ħafna nies jivvotaw għall-politiku/partit partikolari għar-raġuni li l-ġenituri tagħhom ivvutaw għalihom ukoll.
- Nixtieq li jkollna opinjoni valida fil-governanza ta' pajjiżna.
- Illum il-ġurnata, iż-żgħażagħ qegħdin jinvolvu ruħhom u huma attivi aktar fil-politika. La għandhom d-dmir li jħalsu t-taxxa u d-dritt li jiżżewġu, filwaqt li wkoll għandhom ċertu responsabilitajiet fil-ħajja tagħhom, għalfejn m'għandhomx ikollom ukoll id-dritt għall-vot?
- Il-maġġoranza ta' votanti ta' 16-il sena ħa jivvotaw għal min ħa jivvotaw il-ġenituri tagħhom.
- Jiena naħseb li ż-żgħażagħ għandhom ikollom id-dritt li jivvotaw għal dak li fl-aħħar mill-aħħar huwa l-futur tagħhom.
- Jiena naqbel li l-età minima li fiha individwu jista' jivvota' tkun ta' 18-il sena.
- Jiena naħseb li l-maġġoranza tal-poplazzjoni żagħżugħa hija faċilment influwenzata mill-midja u l-istess maġġoranza m'hijiex kapaċi tivvota' skont l-opinjoni personali tagħha.
- B'hekk, qegħdin jingħataw aktar opportunitajiet lil ġenerazzjoni iżgħar biex jagħżlu x'jixtiequ fil-futur tagħhom.
- Dan id-dritt jagħtina ċ-ċans sabiex niddefendi d-drittijiet kollha tiegħi.

- Il-bniedem mhux dejjem ikollhu biżżejjed esperjenza fil-politika ta' età żgħira u allura jivvota' għal dak li jgħidlu ħaddieħor għax ikun għadu żgħir u mhux ħa tagħmillu differenza x'ser jiġri f'pajjiżu.
- B'hekk qed tintwera iktar fiduċja fiż-żgħażagħ u qed jintwera wkoll li aħna kapaċi nagħmlu deċiżjoni.
- Ma nemminx li ħafna żgħażagħ f'dik l-età huma kapaċi jifhmu l-implikazzjonijiet tal-għażliet u azzjonijiet tagħhom.
- F'din l-età, iż-żgħażagħ ikunu għadhom qed jiffurmaw l-abilità biex jaħsbu b'mod kritiku u għalhekk ikun hemm ċans ikbar li jallinjaw lilhom nfushom mat-twemmin politiku tal-familja tagħhom.
- Iż-żgħażagħ jiġu influwenzati wisq faċilment.
- Aħna wkoll kapaċi jkollna opinjonijiet validi.
- Jiena nemmen li ż-żgħażagħ għandhom ikollhom id-dritt li jivvotaw u li jingħataw iċ-ċans sabiex jitrasmettu l-opinjonjiet tagħhom, opinjonijiet li jafu jkunu verifikabbli u li għandha tittieħed nota tagħhom. Illum il-ġurnata, ħafna żgħażagħ huma infurmati tajjeb fuq il-politika u l-valur tagħha f'ħajjet in-nies. Għalhekk, il-politika għandha pożizzjoni ferm importanti fl-iffurmar ta' pajjiżna u ta' ħajjitna u għaldaqstant, bosta żgħażagħ huma ħerqana sabiex jivvotaw u ħerqana biex iwasslu l-opinjonijiet tagħhom rigward dak li jemmnu li ħa jtejbilhom ħajjithom, fl-edukazzjoni, fil-kura tas-saħħa u f'bosta diviżjonijiet u objettivi oħra.
- Mhux iż-żgħażagħ kollha huma konxji bl-importanza tal-vot.
- Il-kampanja kollha tal-Vot 16 kienet ibbażata fuq proporzjon żgħir ta' żgħażagħ ta' 16-il sena f'Malta. Inżid ukoll li dawk iż-żgħażagħ li ġew intervistati u mitluba jitkellmu fil-Parlament kienu ikbar minn 17-il sena. Il-punt tiegħi hu li fil-kreazzjoni ta' din id-deċiżjoni drastika, wieħed ma jistax iħares lejn l-ammont żgħir ta' żgħażagħ ta' 16-il sena li huma b'moħħhom miftuħ.

Għaldaqstant, bosta żgħażagħ ta' 16-il sena f'Malta għadhom jiddependu fuq il-ġenituri tagħhom għal bosta affarijiet u l-opinjonijiet politiċi tal-ġenituri, 99.9% jkunu l-opinjonijiet politiċi tagħhom ukoll. Għalkemm parzjalment nistgħu nweħħlu fis-sistemà edukattiva tas-sekondarja, li m'hijiex qiegħda tifforma' studenti bil-mindset korrett biex jaħsbu għalihom infushom, inridu nweħħlu daqxejn ukoll fit-tkabbir mentali tal-moħħ f'dik l-età. F'dik l-età, l-istudenti jaffaċċjaw bosta deċiżjonijiet li mhumiex kapaċi jagħmlu waħedhom. Għaldaqstant, huma jfittxu l-għajnuna tal-qraba u l-ħbieb, fost oħrajn. U m'hemmx għalfejn li ngħidu, meta wieħed ikollu 16 jew 17-il sena jaf faċilment ikun vittma tal-peer pressure u jrid ikun għadu jrid jiskopri min verament hu. Għalhekk, huma vittma vulnerabbli tal-qerq u huwa faċli li jieħdu deċiżjoni sempliċiment għax hija l-istess waħda li għamel ħaddieħor jew għax ħaddieħor qed iġiegħlu jagħmilha.

- Kulħadd għandu jagħti l-opinjoni tiegħu, irrelevanti l-età tal-individwu.
- Jiena naħseb li l-adolexxenti diġà jkollhom sett ta' prinċipji u valuri meta jkollhom 16-il sena. Għalhekk, jiena nemmen li kulħadd għandu jkollu d-dritt li jivvota' ta' 16-il sena sabiex ikun aktar involut fis-soċjetà.
- Jien nemmen li f'dik l-età, ż-żgħażagħ għandhom x'joffru ukoll.
- Ġeneralment, il-maġġoranza taż-żgħażagħ li għandhom 16-il sena m'humiex preparati biex jivvotaw. Madankollu, lanqas ħafna nies ta' 18-il sena jew ikbar ma jkunu preparati.
- Jiena naħseb li ta' dik l-età, iż-żgħażagħ jkunu influwenzati wisq mill-ġenituri u mill-familja tagħhom u għalihom, il-politika tkun għażla bejn żewg kuluri. Għalhekk, ma naqbilx mal-Vot 16. Barra minn hekk, ma naħsibx li għandna sistemà edukattiva li hija effiċjenti biżżejjed biex dawn iż-żgħażagħ ikunu jistgħu

jitgħallmu fuq id-dmirijiet u d-drittijiet tagħhom fid-demokrazija u fuq kif għandhom jifformaw parti minnha.

- Ħafna żgħażagħ ta' dik l-età jkunu jridu jsemmgħu leħinhom u permezz tad-dritt li qed jingħataw għall-vot, jistgħu jagħmlu dan.
- Iż-żgħażagħ qegħdin jingħataw iċ-ċans biex jibnu l-futur tagħhom. Però, għandu jkun hemm aktar tagħlim rigward din ir-responsabilità.
- Iż-żgħażagħ għandhom ikollhom vuċi fil-governanza tas-soċjetà li jagħmlu parti minnha u għandhom ikunu kapaci jiddeċiedu min għandu jmexxi 'l-pajjiż.
- Żgħażagħ ta'16-il sena huma maturi biżżejjed biex jivvotaw.
- Tfal ta' 16-il sena jivvotaw skont kif jgħidulhom il-ġenituri.
- Hemm nuqqas ta' maturità, ta' ħsieb kritiku, ta' preparazzjoni u ta' għerf. Kif jista' wieħed li jkun qiegħed jagħmel l-O' Levels jifhem x'inhuma l-ekonomija, il-ġid tas-soċjetà (social wellbeing) u l-affarijiet barranin? Huwa veru li dan qed jagħmluh għall-futur tagħhom però hemm wisq idealiżmu involut fl-ideat. Jien qiegħed nitkellem minn esperjenza personali. Hemm bidla kbira, li naħseb li hija iktar prevalanti fis-subien.
- Naħseb li ta' din l-età, ħafna żgħażagħ se jivvutaw lil min se jivvutaw il-ġenituri tagħhom jekk ma jkunux jafu x'qed jiġri fil-pajjiż. Però naqbel ukoll għaliex nies ta' din l-età għandhom bżonn leħen aqwa fis-soċjetà.
- Ta' 16-il sena għandek tkun taf x'qiegħed jiġri f'pajjiżek u x'jista' jsir biex jinħoloq pajjiż aħjar.
- Inħoss li f'din l-età, meta żgħażugħ jivvota', ikun qiegħed jikseb ċertu responsabilità li jġib miegħu l-vot, responsabilità li se tħalli effett fuq l-individwu, b'mod speċjali fil-futur.
- Qed ningħataw l-opportunità sabiex nivvutaw lill-persuna li ħa tagħmel il-ġid lil pajjiżna.

- Għalkemm ta' 16-il sena wieħed għadu kkunsidrat żgħir, bilmod il-mod qiegħed isir adult u għandu jkollu d-dritt biex isemma' l-opinjonijiet tiegħu
- Ta' 16-il sena, in-nies ma jistgħux jixorbu l-alkoħol, isuqu, jew ikollom xi ħaġa sempliċi bħall-kuntratt tal-linja tal-mowbajl f'isimhom. Għalhekk, ma nistax nifhem kif nippretendu li persuna ta' 16-il sena juri l-livell ta' maturità meħtieġ biex jagħmel deċiżjoni għal pajjiżna. Jiena nemmen li ż-żgħażagħ mhumiex irrappreżentati biżżejjed meta niġu għall-governanza, però jiena nemmen ukoll li 80% jew aktar tal-votanti ħa jivvotaw b'mod mhux infurmat u bla esperjenza.
- Ikunu għadhom żgħar, għalkemm mhux kulħadd għandu moħħu jirraġuna' bl-istess mod.
- Iż-żgħażagħ tal-llum saru iktar konxji ta' dak li hu għaddej madwarhom permezz tal-midja soċjali.

Fil-qosor, mir-risposti kollha li rċevejna, l-iktar popolari kienu: kullħadd/kull żagħżugħ(a) għandu/ha j/ssemma' leħnu/inha; ħafna żgħażagħ ta' dik l-età mhumiex maturi biżżejjed biex jivvotaw; ta' dik l-età, iż-żgħażagħ huma maturi biżżejjed biex jaqdu dir-responsabilità; għandhom kull dritt li jivvotaw għaliex ħa jiġi affettwat il-futur tagħhom; ħafna żgħażagħ mhumiex infurmati biżżejjed fuq ix-xena politika; l-opinjonijiet politiċi taż-żgħażagħ huma ħafna drabi l-istess bħal dawk tal-familjari u/jew tal-ħbieb tagħhom, għalhekk ikun qisu qed jingħata "Vot extra lill-ġenituri"/lill-ħbieb; ħafna żgħażagħ ma jifhmux l-effetti li jista' jħalli l-vot tagħhom; bosta żgħażagħ jinvolvu ruħhom fid-dinja politika u huwa għalhekk li kull żagħżugħ għandu jingħata l-opportunità biex jivvota'; fost oħrajn.

Bi ħsiebek tivvota' fl-elezzjoni li jmiss?




69.8%, il-maġġoranza, qalu li bi ħsiebhom jivvotaw fl-elezzjoni li jmiss. Persentaġġ ċkejken ta' 8.1% qalu li mhumiex bi ħsiebhom imorru jixħtu l-vot tagħhom fl-elezzjoni li jmiss filwaqt li 22.1% għadhom inċerti jekk humiex ħa jivvotaw jew le.

Dan, għalkemm mhux il-maġġoranza, huwa persentaġġ li m'għandux ikun daqshekk għoli għar-raġuni li huwa d-dmir u d-dritt ta' kull ċittadin (fuq is-16-il sena) li jivvota'. Jista' jkun għax ma jagħtux kas tal-politika jew ma jħossuhomx preparati, u għalhekk għandna nagħmlu minn kollox sabiex ma jkunx hemm inċertezzi dwar jekk individwu għandux jivvota' jew le.

Xi tqis, jew lil min tqis, bħala l-akbar influwenza fuq l-opinjonijiet politiċi tiegħek?




Madwar 60% tal-parteċipanti qalu illi l-familja hija l-ikbar influwenza fuq l-opinjoni politika tagħhom. 40.9% wieġbu l-midja, 11.9% qalu l-ħbieb, 6.4% qalu l-iskola, u l-waħdiet l-oħrajn ġew miktuba fl-għażla 'Other'. Fost it-tweġibiet li nkitbu fl-għażla 'Other' kien hemm: ir-raġunament personali tiegħi, il-proposti tal-Gvern, il-kotba, ir-reliġjon, il-valuri u l-prinċipji tiegħi, u l-politikanti stess.

Taħseb li qed isiru biżżejjed inizjattivi biex iż-żgħażagħ jiġu ppreparati biex jivvutaw?




Il-maġġoranza (78.7%) wieġbu le, tweġiba li turi kemm verament għandu jkun hemm edukazzjoni ċivika dwar il-vot. Għall-kuntrarju, minoranza ta' 21.3% wieġbu li huma preparati biex jivvotaw.

Fl-opinjoni tiegħek, x'inizjattivi għandhom isiru biex iż-żgħażagħ ikunu preparati sew biex jivvotaw?

Mhux kull tweġiba mill-235 qiegħda miktuba hawn taħt għar-raġuni li ħafna minnhom huma b'xi mod jew ieħor l-istess jew simili. Raġuni oħra hi li mhux kull risposta kienet sensibbli. Xi risposti ġew mibdula ftit sabiex jingħataw sens grammatiku korrett filwaqt li jżommu s-sens tagħhom. Hemm minnhom ġew tradotti mill-Ingliż għall-Malti. Oħrajn ingħaqdu flimkien sabiex l-istess idea tkun miġbura f'punt wieħed.

- Laqgħat biex jippreparaw liż-żgħażagħ biex jivvutaw u li fihom tingħata informazzjoni dwar l-affarijiet li wieħed għandu jżomm f'moħħu meta jiġi biex jivvota'. Hawnekk jitgħallmu wkoll kif jevalwaw programm elettorali.
- Jinħolqu gruppi/klabbs/organizzazzjonijiet ta' żgħażagħ li jgħinu lil xulxin biex jippreparaw biex jivvotaw.
- Talks/Diskussjonijiet, kemm ġewwa kif ukoll barra mill-iskola, minn nies li huma involuti fil-qasam politiku (politiċi stess, NGOs bħall-Kunsill Nazzjoni taż-Żgħażagħ {KNŻ}, organizzazzjonijiet tal-partiti politiċi bħall-Moviment Żgħażagħ Partit Nazzjonalista {MŻPN} u l-Forum Żgħażagħ Laburisti {FŻL}, fost oħrajn) li fihom jiddiskutu kif wieħed għandu jivvota' u kif wieħed għandu

jirraġuna’ lil min jivvota’. Jiġi diskuss ukoll kif wieħed jista’ jsir jaf aktar dwar il-politiċi li jista’ jagħżel minnhom sabiex il-vot tiegħu għal dak il-politiku jkun aktar infurmat. Dawn għandhom isiru għal kulħadd għax mhux kulħadd juri interess jew huwa konxju f’/b’dak li hu għaddej fix-xena politika.

- Tingħata iktar informazzjoni dwar dak li nibbenefikaw sabiex inkunu nistaw nagħmlu għażla tajba għall-futur aħjar.
- L-iskejjel għandhom jorganizzaw attivitajiet li fihom l-istudenti jifhmu aħjar din ir-responsabilità.
- Edukazzjoni, kemm formali kif ukoll informali, sabiex iż-żgħażagħ tagħna ma jkunux biss segwaċi, iżda mexxejja, sabiex jagħmlu għażla xierqa għat-tmexxija tal-pajjiż/lokalità u jifhmu r-responsabilità li jġib miegħu l-vot. Għandhom jiġu edukati ukoll fuq il-liġi, id-drittijiet u d-dmirijiet tagħhom b’mod li jiġbed l-attenzjoni ta’ kull żgħażugħ. Hawn jiġu mgħallma wkoll kif jaħsbu b’mod kritiku (critical thinking).
- Kors li magħtulu wieħed jitgħallem kif għandu jkun il-line of thought tiegħu u kif għandek tivvota’ mingħajr ma tiġi influwenzat minn ħaddieħor.
- Iktar kampanji mill-Gvern għaż-żgħażagħ sabiex ikollhom ċans jidħlu fid-dinja politika.
- Aħbarijiet veru u iktar dettaljat online.
- Il-politika għandha tiġi diskussa b’mod totalment ħieles fost l-istudenti fl-iskejjel.
- Matul il-lezzjonijiet tal-PSCD, l-istudenti għandhom jingħataw iċ-ċans jiddiskutu il-politika kif ukoll jitgħallmu kif għandhom jirrispettaw lil nies li jappoġjaw partit oppost u għandhom opinjonijiet differenti (speċjalment fuq l-internet).
- Lezzjonijiet fl-iskola matul extra-lessons bħall-iStudji Ambjentali fejn l-għalliema tfiehem il-politika lill-istudenti, kull aspett li jolqot il-politika, l-irwol tal-politika fis-soċjetà, u kif wieħed għandu jivvota’.

- Filmati li juru kif għandom jimtlew il-karti tal-vot jafu jkunu t'għajnuna għall-individwu..
- Suġġett kurrikulari (Studji Politiċi) ddedikat għal diskussjonijiet mhux partiġġjani fuq affarijiet kurrenti fl-iskejjel sekondarji u post-sekondarji. Għandu jkun hemm ukoll edukazzjoni fl-iskejjel dwar id-demokrazija u kif individwu għandu jopera f'demokrazija. Għandu jiġi mgħallem ukoll kif il-politika emanċipat l-istorja ta' pajjiżna matul is-snin.
- Seminars li fihom, dawk li jattendu jiddiskutu ġrajjiet kurrenti u għalfejn qegħdin jiġru.
- Għandu jkun hemm edukazzjoni minn età żgħira.
- Jiġu organizzati aktar gatherings fejn iż-żgħażagħ ikunu jistgħu jiddiskutu u jitkellmu flimkien sabiex jgħinu lil xulxin b'mod pożittiv jagħżlu lil min għandom jivvotaw billi jisimgħu l-opinjonijiet ta' ħaddieħor u jibnu opinjoni personali minn fuqhom.
- Ngħallmu liż-żgħażagħ, mingħajr ebda partiġġjaniżmu, fuq il-partiti politiċi li jkunu qed jikkontestaw fl-elezzjoni(jiet). B'hekk, iż-żgħażagħ ikunu jafu aktar dwar l-objettivi ta' kull partit, u b'hekk id-deċiżjoni tagħhom tkun iktar maħsuba u infurmata.
- Kampanji sabiex nedukaw liż-żgħażagħ fuq kif taħdem is-sistemà tal-votazzjoni, x'prinċipji wieħed għandu jżomm f'moħħu meta jiġi biex jivvota', u biex jitgħallmu jagħrfu t-tajjeb mill-ħażin u tħallihom jagħmlu deċiżjoni li ma tkunx partiġġjana.
- Inizzjattiva/i fuq il-midja soċjali.
- Workshops fejn iż-żgħażagħ jingħataw tgħalim fuq il-politika.
- Iżjed attivitajiet li jagħtu ċans liż-żgħażagħ jesperjenzaw id-dinja politika fejn wieħed jitgħallem iktar dwar il-politika, il-funzjonijiet tagħha u l-effetti tagħha, kif ukoll dwar il-partiti politiċi differenti u l-objettivi tagħhom sabiex iż-żgħażagħ ikunu preparati aktar biex jivvotaw, bl-iktar mod indirettament edukattiv possibli.

- Apparti minn diskussjonijiet politiċi fuq il-midja soċjali, wieħed jista' jagħmel aktar attivatijiet prattiċi flimkien mal-politiċi stess sabiex jitgħalmu iktar fuq il-kandidati nfushom.
- L-esperjenzi fil-ħajja jiġu bilmod. Iridu aktar żmien biex josservaw u jiddeċiedu.
- Iż-żgħażagħ għandhom jiġu mgħallma fuq fejn jistgħu isibu informazzjoni fuq affarijiet irrelatati mal-politika, fuq kif janalizzaw l-informazzjoni li jiġbru minn sorsi differenti biex jiskopru l-verità, u jiġu mħeġġa jsegwu l-aħbarijiet.
- Iż-żgħażagħ għandhom jiġu mgħallma iktar fuq l-istorja politika ta' pajjiżna u fuq l-attroċitajiet li twettqu magħtul is-snin. Barra minn hekk, iż-żgħażagħ għandhom jiġu mgħallma fuq kif pajjiż demokratiku għandu jaġixxi, fuq kif għandu jitmexxa, kif ukoll fuq ksur ta' liġi u kif jistgħu jidhru f'soċjetà bħal tagħna.
- Iktar riklamar b'modijiet varji.
- Huma l-iskejjel li llum il-ġurnata jridu jerfgħu l-piż extra biex jippreparaw lill-istudenti biex jivvotaw. Mod ieħor kif jista' jsir dan huwa permezz ta' taħriġ għall-ġenituri fejn fih jitgħallmu li m'għandhomx jisfurzaw lil uliedhom jivvotaw lill-partit politiku tagħhom u ma jesponewx lil uliedhom għall-partit favorit tagħhom b'mod daqshekk qawwi.
- Iż-żgħażagħ għandhom jiġu mgħallma jisimgħu liż-żewġ partiti u mhux lill-partit wieħed biss. Għandhom jiġu mgħallma wkoll ma jiġux influwenzati minn ta' madwarhom u jkunu jafu sew il-prinċipji u l-valuri tagħhom.
- Lezzjonijiet fil-ħsieb kritiku.
- Reviżjoni ġenerali tas-sistemà edukattiva għal approċċ aktar prattiku.
- Edukazzjoni formali, non-formali, kif ukoll informali għandhom jiġu provduti.
- Ninkoraġġixxu liż-żgħażagħ sabiex isegwu l-aħbarijiet.
- Għal nies taħt is-16-il sena m'għandha ssir l-ebda inizjattiva.

- Issir elezzjoni fejn it-tfal kollha madwar Malta u Għawdex jingħataw iċ-ċans jikkontestaw sabiex jirrappreżentaw u jitkellmu f’isem l-istudenti kollha.
- Spazji online bħall-blogs, forums u mezzi ta’ midja soċjali bħal Facebook, Twitter, fost oħrajn, fejn wieħed jista’ jaċċessa diskussjonijiet rigward ġrajjiet kurrenti u temi oħra kif ukoll fejn wieħed ikun jista’ jsir jaf aktar dwar temi politiċi varji filwaqt li jagħti l-opinjoni tiegħu.

Fil-qosor, mir-risposti kollha li rċevejna, l-iktar popolari kienu: talks; laqgħat; il-politika, jew l-iStudji Politiċi, għandhom jiġu mgħallma fl-iskejjel bħala suġġett individwali jew bħala tema f’suġġetti oħra bħall-PSCD u l-iStudju Ambjentali; spazji online ta’ diskussjoni u informazzjoni; tgħalim ta’ ħsieb kritiku; tgħalim fuq l-istorja politika ta’ Malta u fuq il-partiti politiċi; kampanji; workshops; jinħolqu gruppi/klabbs/organizzazzjonijiet; fost oħrajn.

X'iżżomm f'moħħok meta tivvota’?

Mhux kull tweġiba mill-235 qiegħda miktuba hawn taħt għar-raġuni li ħafna minnhom huma b’xi mod jew ieħor l-istess jew simili. Raġuni oħra hi li mhux kull risposta kienet sensibbli. Xi risposti ġew mibdula ftit sabiex jingħataw sens grammatiku korrett filwaqt li jżommu s-sens tagħhom. Xi wħud mit-tweġibiet tqassmu f’aktar punti separati għar-raġuni li xi risposti kienu jinkludu aktar minn aspett wieħed fihom. Hemm minnhom ġew tradotti mill-Ingliż għall-Malti.

- Il-futur tiegħi.
- Dak li hu l-aħjar għal pajjiżi.
- Il-futur ta’ pajjiżi.
- Lil pajjiżi. / Lil Malta.
- Min hu kapaċi jgħin lili u lil familti?
- Meta nivvota’ nżomm f’moħħi ir-raġuni għalfejn qed nagħmel din id-deċiżjoni.

- Il-kandidat li ħa nagħtih il-vot tiegħi ħa jikkomettu ruħu għal dan l-irwol?
- Dak li nibbenefika jien u ta’ madwari.
- Il-partit li għandu l-aktar storja nadifa.
- Il-partit li jimpurtah l-iktar mill-pajjiż u minn nies.
- Min ħa jagħmel l-iktar ġid għall-pajjiż?
- Dik il-persuna se tagħmel il-ħajja tiegħi aħjar jew le?
- Nivvota’ skond x'għandu bżonn il-pajjiż u mhux x'għandi bżonn jien.
- X’għandha x’toffri dik il-persuna?
- Il-proposti li saru.
- Il-ġrajjiet kurrenti.
- Il-kredibilità.
- It-tajjeb u l-ħażin taż-żewġ partiti l-kbar (il-Partit Nazzjonalista u l-Partit Laburista).
- Min hu l-aktar kapaċi li jmexxi ‘l-pajjiż?
- Min juri l-iktar kompassjoni għal dak li jagħmel.
- L-intenzjonijiet tal-politiku li ħa nivvota’ għalih huma tajbin u veri?
- L-opinjoni tiegħi.
- Il-partit l-iktar responsabbli biex imexxi.
- Il-partit li għandu pjan tajjeb għall-manifest li ppreżenta.
- Min ħa jħalli l-ikbar impatt pożittiv fuq ħajti?
- Liema partit ħa jsaħħaħ l-ekonomija?
- Liema partit ħa jagħti importanza lil-lokalitajiet kollha f’Malta u Għawdex?
- Liema partit ħa jagħti importanza lin-natura u l-ambjent?
- L-objettivi tal-kandidati.
- Il-wegħdiet li saru.
- Il-ġid komuni.
- Min ħa jmexxi l-aħjar?

- Liema politiċi verament jagħtu l-kontribut tagħhom sabiex jgħinu liċ-ċittadini b'mod prattiku?
- Liema politiċi ma wegħdux aspettattivi mhux realistiċi għall-pajjiż u, bl-aħjar mod li setgħu, żammew kollox realistiku u onest?
- Min hu l-kandidat li ħa nivvota' għalih?
- Il-kandidat li ħa nivvota' għalih ħa jirnexxielu jwettaq dak li jkun wiegħed?
- L-opinjoni tiegħi tgħodd.
- L-aqwa mexxej biex Malta timxi l-quddiem.
- It-track record tal-partiti.
- L-effett fuq ġenerazzjonijiet futuri.
- Il-ġid tal-komunità.
- Liema kandidat/partit għandu l-aqwa ideat għall-futur tiegħu u ta' pajjiżi?
- Inkun newtrali u mhux partiġġjan.
- L-impatt fuq pajjiżna.
- Liema politiku huwa l-aktar trasparenti u onest?
- Liema partit ħa jagħtina dak li għandna bżonn (need) aktar milli jagħtini biss dak li nixtieqx (wants).
- L-inizjattivi li lest li jieħu l-kandidat.
- Il-projetti li ħa jaħdem fuqhom il-kandidat.
- L-influwenza tal-politiku fuq l-iżvilupp tal-pajjiż.
- Min kapaċi joħloq pajjiż aktar divers?
- Min kapaċi joħloq pajjiż aktar moħħu miftuħ?
- Min kapaċi joħloq pajjiż aktar żviluppat?
- Kwistjonijiet ambjentali.
- Il-prinċipji tiegħi.
- Liema partit ħa jwettaq dak li jwiegħed bl-aħjar mod li jista'?
- Liema partit ħa joffrili diversi opportunitajiet?
- Kemm għandi nafda lill-kandidat li ħa nivvota' għalih?
- X'għandna bżonn sabiex ikollna pajjiż aħjar?

- Liema partit jaqsam miegħi l-istess valuri u prinċipji?
- X'għamlu l-Gvern u l-Oppożizzjoni fil-leġislazzjoni preċedenti?
- Min huwa verament lest jagħmel il-ġid għal pajjiżu mingħajr ma jħammiġlu ismu?
- Il-futur tiegħi u ta’ pajjiżi jafu jkunu f’idejn dik il-persuna li ħa nivvotalha.
- Min ħa jiggarantixxi futur sigur għalija u għal pajjiżi?
- Dan il-vot huwa tiegħi u għalhekk mhux ħa nħallih jiġi affettwat minn ta’ madwari.
- Liema partit ħa jirrispetta d-drittijiet tiegħi bħala ċittadin?
- Li qed jagħmlu l-partiti qed jagħmluh għal poter jew għall-ġid komuni ta’ kull ċittadin?
- L-istituzzjoni edukattiva.

Fil-qosor, mir-risposti kollha li rċevejna, l-iktar popolari kienu: il-futur tal-individwu; il-futur ta’ Malta; il-futur ta’ ħaddieħor; il-ġenerazzjonijiet futuri; il-ġid li ħa jsir; l-onestà tal-politiċi; il-kredibilità; l-ekonomija; l-edukazzjoni; il-valuri u l-prinċipji tiegħi u tal-partit; il-proposti; il-wegħdiet; it-track record tal-partit; il-ġrajjiet kurrenti; l-ambjent; fost oħrajn.

---

Link għall-istħarriġ fuq Google Forms:

Https://goo.gl/forms/qiebabtf2vzfmzvf1

# Lista’ ta’ parteċipanti

Desiree Agius

Emma Bedingfield

Eve Borg Bonello

Bradley Cachia

Nolan Camilleri

Xandru Cassar

Timothy Cerovac

Kylie Cunningham

Kelsey Fenech

Ian Massa

Michela Migneco

Cheryl Raimondo

Lea Ungaro

Luke Vella

Carlos Zarb